MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Mandat Numru. 128/2014/1

**Diane Linwood K.I. 371683M**

**-vs-**

**Josef Barbara**

**573879M f'ismu proprju u bhala wiehed mill-partners tal-partnership en nom collectif bl-isem Action Group (Reg No: P1464)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-**rikors guramentat** ta' Diane Linwood tas-26 ta' Mejju 2014, li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti bdiet proceduri ghal separazzjoni personali liema jinsabu fi stadju ta' medjazzjoni;*

*Illi l-esponent tixtieq li l-qorti tohrog mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha;*

1. *Fejn ma thallix lill-imsemmi intimat li jbiegh, inehhi, jittrasferixxi u/jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu s-sehem tieghu fil- partnership en nom collectif (Reg No P1464) liema sehem sar fiz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-30 ta' Gunju 2012;*

2. *Fejn ma thallix lill-intimat ikompli jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti b'pizijiet u passivita'b'mod partikolari ghandu jigi inibit milli jaghmel uzu minn facilitajiet ta' overdraft f ismu u f isem il-partnership en nom collectif bl-isem Action Group [Reg No P1464) mal-banek lokali gialadarba tali uzu ser jiggrava u jippregudika l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti;*

*Illi fost l-assi formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti hemm s-sehem tal-intimat fil-partnership en nom collectif (Reg No P1464) liema sehem sar fiz-zwieg;*

*Illi kif jirrizulta mill-partnership agreement tal-partnership en nom collectif (Reg No P1464), l-intimat huwa patner fl-imsemmi partnership u jista' jiddisponi mis-sehem tieghu jew addiritura jghabbi b'dejn l-istess kif irid a skapitu tad-drittijiet tal-esponenti;*

*Illi ghalhekk qed isir dan l-mandat stante li nofs kull gid li hemm fl-imsemmi partnership huwa formanti l-komunjoni tal-akkwisti fuq liema l-esponenti m'ghandha ebda poter stante li totalment kontrollabbli minn zewgha;*

*Illi mill-premess jirrizulta l-prima facie dritt u il-pregudizzju irrimedjabbli li ser issofri l-esponenti kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti ma tohrogx l-istess mandat;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inlbizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat."*

Rat id-digriet taghha tas-26 ta'Mejju 2014 illi bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tat-Tnejn, 9 ta' Gunju 2014 fin-12:15am.

Rat illi l-atti tar-rikors u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Rat l-atti tal-mandat;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Qieset ir-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti Diane Linwood sabiex tressaq dan il-procediment;

Qieset illi dawk ir-ragunijiet kienu konfermati bil-gurament fir-rikors promotorju mir-rikorrenti l-istess Diane Linwood, u gew spjegati aktar fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-mandat;

Qieset illi r-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti biex taghmel it-talba taghha huma validi u jissussistu r-rekwiziti tal-Art. 873 tal-Kap. 12 ghall-hrug tal-Mandat u li l-partijiet qabblu illi jikonkorru r-rekwiziti sabiex dan il-mandat jibqa' fis-sehh;

L-intimat lmenta illi huwa qatt ma kien behsiebu illi jghabbi bil-pizijiet il-komunjoni tal-akwisti jew b'xi mod iehor ibiegh, jew jitrasferixxi s-sehem tieghu fil-partnership en nom collectif u ghaldaqstant m'ghandux ibaghti l-ispejjez;

Il-Qorti taghraf li din il-procedura saret sabiex jigu protetti d-drittijiet ta' Diane Linwood, wara intimazzjoni li l-intimat ser jisparpalja l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti; Ghaldaqstant il-Qorti taghraf li r-rikorrenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta. Konsegwentement qeghda tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat Joseph Barbara 573879(M) f'ismu proprio u bhala wiehed mil-partners tal-partnership en nom collectif bl-isem Action Group (Reg No P1464) u tipprojbih milli :**

1. **jbiegh, inehhi, jittrasferixxi u/jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu, s-sehem tieghu fil- partnership en nom collectif (Reg No P1464) liema sehem sar fiz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-30 ta' Gunju 2012;**

2. **jkompli jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti b'pizijiet u passivita', u b'mod partikolari, milli jaghmel uzu minn facilitajiet ta' overdraft f ismu u f isem il-partnership en nom collectif bl-isem Action Group [Reg No P1464) mal-banek lokali gialadarba tali uzu ser jiggrava u jippregudika l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti.**

**In oltre tordna illi kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lir-Registratur tal-Kumpaniji ai termini ta' Artikolu 874(6) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta'Malta**

**Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------